*Inibizzjoni – ċaħda taċ-ċittadinanza*

*- egħmil imwettaq*

MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA**

Digriet Kamerali

Mandat Numru 1701/2019 GM

Ashraf Mahdy Elnadar (KI122595M)

vs

Id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates, il-Kummissarju tal-Pulizija u L-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat fis-6 ta' Diċembru 2019 mir-rikorrent li permezz tiegħu talab il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-intimati biex jinżammu milli jesegwixxu d-deċiżjoni meħuda fit-2 ta' Diċembru 2019 mis-Segretarja Parlamentari u li konsegwentement l-Aġenzija Identita` Malta b'ittra tat-3 ta'

Diċembru 2019 talbet lir-rikorrent jirritorna ċ-ċertifikat tiegħu ta' ċittadinanza sabiex jiġi kkanċellat;

Rat id-digriet tagħha tal-istess data li permezz tiegħu laqgħet ir-rikors proviżorjament, tat lill-intimati għaxart ijiem għar-risposta, u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għat-30 ta' Diċembru 2019;

Rat ir-risposta tal-intimati;

Rat l-atti l-oħra tar-rikors;

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jitrattaw bil-fomm il-mertu ta' din il-proċedura waqt l-udjenza tat-30 ta' Diċembru 2019;

Ikkunsidrat:

Illi l-egħmil suġġett tat-talba tar-rikors diġa` twettaq;

Illi r-rikorrent ma wera l-ebda jedd *prima facie* li għandu xi jħares;

Għal dawn il-motivi:

Tiċħad it-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors promotur tiegħu.

Spejjeż a kariku tar-rikorrent.

Mogħti kameralment fil-31 ta' Diċembru 2019.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA